MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 194/2009

**Andre Magro (ID No 296573M), Carmel Magro (ID no 190948M),
Mario Magro (ID no 341052M), John Magro (ID no 78354M),
Paul Magro (ID No 163258M) ezercenti in-negozju Firm Michael Magro**

**Vs**

**Michael Bezzina**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi fil-kwalita taghhom premessa ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' €10,689.40 (ghaxart elef, sitt mija u disa u tmenin euro u erbghin centezmu) rappresentanti ammont lilha dovut ghall-merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenajta.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra ufficjali skond Artikolu 166A numerata 1036/07 u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ Mejju 2006, data tal-ahhar invoice sal-effettiv pagament, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-istess atturi li biha rriducew is-sorte b’€140 ghal €10,549.00 stante pagament ta’ dan l-ammont fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' Novembru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess atturi s-somma kif ridotta ta' €10,549.00 (ghaxart elef, hames mija u disgha u erbghin ewro) bl-imghax legali mit-23 ta‘ Mejju 2003, data tal-ahhar fattura sa’ dik tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali enumerate 1036/07 mahruga taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------